# L-ISKEJJEL TAL-GVERN

## It-Tagħlim f'Malta

Minn Gużè Gatt

(*Ara għadd 74 paġ. 30*)

Fl-1565 Malta għaddiet minn żminijiet koroh, ta' biża' u ta' qtigħ il-qalb bil-bosta. Bħalma kulħadd jaf, Għiritna sfat imħaxkna minn għadd kbir ta' Torok. Il-Maltin laqgħu t-theddida ta' l-egħdewwa bit-tama fil-kbira ħniena t'Alla. Il-Ġurati ta' l-Imdina għamlu wegħda 'l Alla għall-ħelsien ta' Għiritna. Dawn wegħdu li, kemm il-darba l-Maltin joħorġu b'wiċċ il-ġid minn din it-taqbida, jiġbru l-flus kull sena u jżewġu xi xebbiet fqar. U dan kellu jsir b'tifkira u ħajr 'l Alla ta' dina r-rebħa.

Ir-rebħa saret u l-wegħda għaddiet 'il quddiem. Bosta kienu dawk li ħarġu l-flus biex titwettaq il-wegħda li għamlu l-Ġurati. Fost dawk li ħarġu xi flus, insibu lil Matti Falzon ukoll. Dan wiegħed u ntrabat ma' l-Università li jagħti uqija u nofs fis-sena minn fuq il-bini li kellu. Mill-flus kollha li bdew jiġbru, jidhrilna li kienu jżewġu ma dwar sbatax-il-xebba mill-iżjed fqar kull sena.

Issa nerġgħu għall-Iskola ta' l-Imdina.

Wara seba' snin li din l-Iskola kienet ilha magħluqa, l-Università tħajret li terġa' tiftaħha mill-ġdid. Fiż-żmien li l-Iskola kienet mitluqa għal kollox, miet is-Surmast Dun Indri Axiak. Waħda mid-djar tiegħu, x'aktarx dik li fiha Dun Indri kien iżomm l-Iskola meta dan kien ma' l-Università, messet lil wieħed jismu Bertu Vella. Din id-dar krietha l-Università biex fiha fetħet l-Iskola tagħha. U b'surmast ta' din l-Iskola nħatar il-Patri Majjistru Bennardino de Sylva, Duttur tat-Teoloġija.

Kemm damet skola d-dar li semmejna ma nafux. Lanqas ma sibna li Patri de Sylva ħa xi ħlas bħala li kien Surmast ta' l-Iskola ta' l-Imdina. Terġa', darba biss sibna msemmi li Bertu Vella daħħal tal-kera tad-dar li kellu mikrija lill-Università. Dan il-ħlas sar fid-9 ta' Frar 1569. Id-dar kienet meqjusa li ġġib uqija u 6 rbgħajja fis-sena, bħalma daqshekk kienet mikrija qabel lil ħaddieħor. Vella ħa 24 rbiegħi ta' 8 xhur kera li bdew mill-1 ta' Jannar u spiċċaw fil-31 ta' Awissu, 1568.

Patri de Sylva ma nafux kemm dam Surmast. Lil dana ma sibniehx imsemmi ħlief f'dik id-darba biss ta' meta l-Università ħallset il-kera lil Bertu Vella.

Wara Awissu ta' l-1568, aktarx li l-Iskola ta' l-Università reġgħet sfat fix-xejn u damet magħluqa għal dawra ta' sentejn u nofs. Għedna dan, għax, fiż-żmien li semmejna, ma sibna msemmi xejn dwar dina l-Iskola; lanqas dwar is-Surmast tagħha. Tgħid, meta l-Università reġgħet fetħet l-Iskola tagħha fl-1568 ma sabitx min imur fiha u, imħabba f'hekk, kellha terġa' tagħlaqha mill-ġdid? Tgħid in-nies kienu għadhom imbeżżgħin fuq il-ġrajjiet li saru dwar dawk li qalbu d-Din tagħhom, u baqgħu jitmeżmżu li jibagħtu 'l uliedhom fl-Iskola ta' l-Università?

Fl-1 ta' Frar 1571 insibu li l-Iskola ta' l-Università reġgħet għall-ħajja mill-ġdid. Bħala Surmast tagħha kien Dun Santoro de Nasis. Ħlas kellu erbat ewwieq fis-sena.

Fiż-żmien ta' de Nasis, ma sibniex fejn kienet l-Iskola. Lanqas ma sibna li l-Università kienet qed tħallas ta' xi mkien fejn kellha l-Iskola tagħha. Għalhekk naħsbu li l-Iskola kienet fid-dar ta' Dun Santoro, bħala li kien is-Surmast tagħha hu. Ara kemm jista' jkun hekk. Kull meta bħala Surmast ta' l-Iskola ta' l-Imdina kien wieħed qassis, ma sibniex li l-Università kienet tħallas ta' xi kera għall-Iskola tagħha. Iżda mhux hekk ġara meta bħala Surmast kien wieħed patri (Bennardino de Sylva). Fi żmien dan il-patri, l-Università kellha taqa' biex tikri dar u tħallas il-kera lil sidha, ħalli fiha żżomm l-Iskola tagħha. U dan għamlitu għax il-patrijiet ma jkollhom ebda dar oħra barra l-Kunvent tagħhom.

Dun Santoro de Nasis ma damx wisq Surmast fl-Iskola ta' l-Università. F'dax-xogħol baqa' sal-25 ta' Mejju ta' l-1572 biss. X'kien li ma ssuktax, ma ltqajniex miegħu.

Meta de Nasis spiċċa minn Surmast, l-Università ma sabet lil ħadd mir-Rabat jew mill-Imdina li seta' jidħol magħha biex jieħu ħsieb ta' l-Iskola tagħha. Fuq hekk, kellha tit-qanna b'wieħed li ma kienx mill-bnadi li semmejna. Terġa', dan l-anqas ma kien qassis, jew patri, bħalma kienu s-Surmastri-jiet ta' qablu. L-isem ta' dan kien Pietru Camilleri.

Billi Camilleri, bħal ma għedna, ma kienx joqgħod fl-Imdina, l-Università kellha taqa' mill-ġdid biex terġa' tikri dar fejn fiha tkun tista' żżomm l-Iskola tagħha. Għalhekk sabet dar ta' wieħed jismu Bartilmew Bonello, u krietha minn għandu bi tliet ewwieq fis-sena.

Bil-ħatra ta' Pietru Camilleri bħala Surmast, l-Università daħlet f'nefqa aktar għaż-żamma ta' l-Iskola tagħha. Barra mill-kera li kienet tħallas lil Bonello, tad-dar li kriet minn għandu, żiedet ukoll fil-ħlas lis-Surmast ġdid tagħha. Jekk is-Surmastrijiet ta' qabel kienu jieħdu erbat ewwieq fis-sena, Camilleri beda jieħu tmienja. Dawn kienu jitħallsu kull erba' xhur, billi jieħu uqitejn u 20 irbiegħi kull darba.

L-aħħar ħlas li ħa Bonello tad-dar li kellu mikrija għand

l-Uuiversità, kien fit-3 ta' Marzu 1574. Ħa uqitejn ta' 8 xhur kera li bdew fil-15 ta' Settembru 1573, u kellhom jagħlqu fil-15 ta' Mejju 1574.

Meta l-Iskola spiċċat mid-dar ta' Bartilmew Bonello, din inġarret u bdiet tinżamm fil-Knisja tas-Salvatur, fil-Kappella l-Maġġura.

Fil-"Messaġġier Malti tal-Qalb ta' Ġesù" ta' Ġunju 1929, is-sur Darmanin Demajo P.L. isemmi lil din il-Knisja tas-Salvatur. Igħid li din kienet fl-Imdina, f'dik it-triq id-dejqa ta' quddiem il-Knisja tal-Karmnu, u li sal-lum għadha msejħa "Strada San Salvatore". Din it-triq tagħti għal fuq is-sur, fejn dari, fit-tarf tagħha kien hemm il-Knisja tas-Salvatur. Il-ġenb tal-Knisja kien jagħti għat-triq li semmejna, bil-wiċċ tagħha jħares lejn is-sur. Dina l-Knisja nħattet madwar l-1844, iżda l-ħajt tagħha, ta' biswit is-sur, għadu jidher sal-lum f'waħda mid-djar li hemm.

Is-Sur Demajo igħid ukoll, fil-Messaġġier li semmejna, li fil-Knisja tas-Salvatur, Surmast imħallas mill-Università u mill-Kattidral, kien jgħallem hemm it-tfal.

Iżda, wara sena li qal hekk, is-sur Demajo nesa x'kien ġieb fil-Messaġġier tal-1929. Għalhekk f'"Leħen Is-Sewwa" tas-17 ta' Mejju 1930 qal li wisq qabel ma ġiet l-Ordni f'Malta, ma kienx hawn Skejjel; għalhekk insibu l-Knisja tas-Salvatur qed taqdi bħala Skola għat-tfal tal-fqar, waqt li t-tagħlim fiha kien isir minn qassisin, bla ma dawn kienu jitħallsu. Iżda, dak li s-sur Demajo ġieb f'"Leħen is-Sewwa," ma jaqbel xejn ma' dak li qal qabel fil-Messaġġier li semmejna.

Għalkemm it-tagħlim lit-tfal beda jsir fil-Knisja tas-Salvatur, l-Università b'hekk ma ġiet faddlet xejn. Jekk qabel l-Universitá kienet tħallas biex iżżomm dar għall-Iskola tagħha, issa, flok ma t-tliet ewwieq li faddlet mill-kera, żammithom għaliha, bdiet tagħtihom ukoll lil Camilleri, bħala żieda mal-ħlas li kellu.

Dina ż-żieda ġdida lil Camilleri bdiet tgħodd mill-15 ta' Mejju 1574, jiġifieri minn dak il-jum li l-Università spiċċat mill-kera minn ma' Bartilmew Bonello. L-Università bdiet tagħmel dana l-ħlas, għax qalet li hi kienet marbuta bid-dmir li għandha tħallas il-kera tad-dar ta' fejn kien joqgħod is-Surmast ta' l-Iskola tagħha.

Bil-ħlas kollu li l-Università bdiet tagħti lil Camilleri, ħlas li, bħalma rajna, kien bil-bosta wisq akbar minn dak li kienu jieħdu s-Surmastrijiet ta' qablu, dan ma riedx jibqa' jagħmilha aktar ta' Surmast magħha. Camilleri tkellem fuq hekk mal-Ġurati u gemgmilhom li l-ħlas li kienu jagħtuh, mhux biżżejjed għalih. Għalhekk kien jagħmel il-ħsieb li ma jibqax imur iżjed għall-Iskola fl-Imdina, għax b'dak il-ħlas li kellu, ma kienx jaqbillu.

Il-Ġurati marru għand il-Gran Mastru u kellmuh fuq dina l-biċċa tas-Surmast. Wara li l-Gran Mastru sama' l-fehma tal-Ġurati, qagħad li lil Camilleri jagħtuh sitt ewwieq oħra fis-sena.

Biż-żieda tas-sitt ewwieq ma li kellu qabel, Camilleri għamel il-qalb u ssokta jmur l-Imdina jgħallem fl-Iskola ta' l-Università. Dan il-ġdid ħlas bdielu fil-25 ta' Lulju 1574. B'hekk, Camilleri beda jieħu sbatax l-uqija fis-sena minn għand l-Università.

Is-sitt ewwieq li tawh fl-aħħar flimkien mat-tlieta l-oħra li kien jieħu tal-kera, bdew jitħallsu minn kull flus li kienet iddaħħal l-Università. Iżda t-tmint ewwieq li kellu qabel ma żieduh, baqa' jeħodhom mill-flus li kienu jidħlu mit-taxxa biss ta' fuq l-inbid.

Fiż-żmien li l-Iskola tal-Gvern kienet tinżamm fis-Salvatur ta' l-Imdina, il-Knisja ta' Malta kienet imreġija mill-Isqof Fra Martin Royas. Dana Royas, bħal l-Isqof Cubelles ta' qablu, kellu s-setgħa mill-Papa li jkun bħala Ingiżitur huwa ukoll. Iżda mħabba f'din s-setgħa, l-Isqof Royas ma damx wisq ma kellu xi jgħid ma' l-Ordni. Royas qabad lil xi wħud mill-Kavalieri u ried jipproċessahom fuq li dawn waqgħu f'xi għeltijiet. Għal dina r-rieda ta' l-Isqof, il-Gran Mastru u l-Kavalieri tiegħu nafru għall-darba, tlewmu ma' l-Isqof u kisruha miegħu għas-sħiħ.

L-Ordni ma riedx joqgħod għaliha dik li n-nies tiegħu jistgħu jaqgħu taħt is-setgħa ta' l-Isqof biex dana jipproċessahom. Fuq hekk, il-Gran Mastru La Cassière kiteb lill-Papa biex jibgħat hawn wieħed ħalli jaqta' t-tilwim li nqala' dwar dina s-setgħa li semmejna.

Il-Papa laqa' t-talba li saritlu, u f'Malta bagħat lil Mons Duzzina. Dan wasal hawn fl-1 ta' Awwissu 1574. Għal dina l-biċċa, il-Papa għana lil Duzzina b'setgħat kbar. U b'hekk dan seta jaqdi sewwa u aħjar il-ħsieb li għalih ġie mibgħut f'Malta.

Fost il-ħwejjeġ li Duzzina għamel hawn, fil-bidu tal-1575 beda jżur il-Knejjes ta' Malta u Għawdex. Fiż-żjara li għamel lill-Knisja tas-Salvatur tal-Imdina, sab li fiha hemm l-Iskola tal-Università. U Surmast, imħallas minn din u mill-Kattidral kien jgħallem hemm it-tfal.

(*Jissokta*)